# 10 Snin minn Mewtu – B'Tifkira

# Anton Buttigieg (1912-1983)

***Il-bniedem tal-familja, in-namrat tan-natura. l-avukat, il-poeta, il-politiku. Dan kollu kien Anton Buttigieg li dis-sena hija għeluq l-għaxar snin mill-mewt tiegħu li ġrat fil-5 ta' Mejju, 1983.***

Anton Buttigieg twieled il-Qala fis-sena 1912 u fl-1940 kiseb id-dottorat fil-liġi. Ma kienx kuntent li jidhol għaldan ix-xogħol biss iżda sa min-nofs is-snin Ħamsin Buttigieg beda karriera politika li wasslitu sa fuq il-quċċata, billi ngħata l-ogħola kariga, jiġiefieri dik ta' President tar-Repubblika ta' Malta, fl-1976, u li baqa' jżomm b'imħabba, lejaltà u dinjità sa l-1982. M'għandniex xi ngħidu karriera politika ta' madwar tletin sena ma kienitx biss ward u żagħar; iżda l-karattru ġenjali ta' Anton għenu bi sħiħ biex huwa ta l-aqwa u dak kollu li seta' f'dan il-qasam tal-ħajja Maltija.

Iżda Anton kien ukoll ir-raġel tal-familja. Tilef żewġ nisa fi żmien qasir u għalkemm dawn it-traġedji tal-ħajja għaddewh minn tbatija kbira l-imħabba lejn uliedu għenet xi ftit biex ittaffi dan id-dulur.

Daqstant ieħor Anton il-poeta sab ir-refuġju tiegħu fl-arti tal-kitba. Fil-poeżija, mimlija lirika mill-aktar umana, "Il-Kebbies tal-Fanali" Buttigeig ħallielna dokument ħaj li juri kemm il-lehma poetika għenitu biex iġarrab bis-sabar u b'kuraġġ imsejjes fuq il-Fidi Nisranija, kull xewka li taf toffri l-ħajja fuq din l-art. Wera sensitività qawwija fejn tidħol in-natura primittiva u sab f'din l-istess natura kenn uniku. Il-kitba tal-poeżija serviet ukoll biex analizza u kkummenta dwar il-qagħda soċjali ta' niesu. Kellu pinna fina u ħelwa li waqt li kienet tniġġeż xi ftit, kellha l-ħsieb waħdieni li tgħin lis-soċjetà tagħraf in-nuqqasijiet tagħha biex tkun tista' ttejjeb lilha nnifisha.

Anton fiżikament m'għadux magħna. Biss il-kontribut tiegħu f'kull qasam tal-ħajja Maltija ħalla patrimonju vivaċi li għana lill-poplu Malti kollu.

## Il-Kebbies tal-Fanali

Kull fl-għaxija
kif ma' l-għabex
tnin u tmut saħħet il-jum,
jiġi Majsi bis-sellum,
u jixgħelli taħt it-tieqa
fanal ċkejken,
li tal-lejl itaffi d-diqa.

Saħħti wkoll
qed inħossha tmut kuljum.
Iżda msejkna l-Poeżija,
kull fl-għaxija,
dlonk tixxabbat mas-selllum,
u ġo qalbi
tixgħel naqra ta' fanal,
illi jtaffi ftit id-diqa sa ma jmut ta' ħajti l-fdal.

Alla ħares ma kienx Majsi
illi jagħmel ftit tad-dija;
u ma' Majsi - Alla ħares -
ma kenitx il-Poeżija!





*Mima mtella' miż-żgħażagħ Qalin waqt serata f'ġieħu mtella' mill-Fondazzjoni GEM fit-23 ta' Ottubru '93*